# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 83**

**Nhar l-Erbgħa 17 ta' April 2019, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 83 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 17 ta' April 2019, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Clayton Gauci – Kunsillier
Mario Sammut - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Hadd

**ASSENTI**
HAdd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:28pm.

ii. Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

v. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

83.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

83.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

83.4 Korrispondenza

83.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

83.6 Rapporti;

83.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

83.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;

83.9 Mozzjonijiet;

83.10 Inawgurazzjoin tal-proġett tal-Għasfura

83.11 Tmiem tal-Laqgħa u data għal-laqgħa li jmiss

**83.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

83.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx irċieva l-ebda' nota ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

**83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

83.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**83.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

83.3.1 Is-Sindku informa li għall-darb' oħra, il-Kunsill Lokali tal-Imġarr kien rebaħ premju għall-ġbir ta' skart riċikklabbli, fejn ġie fit-3 post fil-kampanja mnehdija mill-Wasteserv.

83.3.2 Ġie diskuss kif Festa Frawli kelli titħassar mid-data oriġinali tagħha peress li kien il-maltemp u issa ser issir fit-28 ta' April, li hi l-aħħar

ħadd li setgħet issir kemm minħabba tiġijiet li ser isiru fil-knisja parrokkjali kif ukoll minħaba il-kampanja elettorali li tkun daħlet sew.

83.3.3 Is-Sindku informa li kien saru laqgħat mal-kuntratturi tal-outdoor gyms li ser isiru fil-Housing Estate biex dan ix-xogħol ikun jista' jsir.

83.3.3.i Fil-17:44 daħal id-Deputat Sindku, Eman Vella.

83.3.4 Is-Sindku semma wkol kif ix-xogħol taż-żebgħa tal-linji fi' Triq il-Kbira kellu jitħassar l-aħħar mument peress li kienet ix-xita. Dan ix-xogħol għandu jsir fl-ewwel jiem ta' Mejju.

## 83.4 Korrispondenza

83.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

83.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien daħħal applikazzjoni biex il-Kunsill jipparteċipa fl-iskema tal-EU, bl-isem ta' wiFi4EU fejn il-muniċipalitajiet magħżula jingħataw fondi sabiex ittejbu is-servizz tal-WiFi fil-lokalitajiet tagħhom.

83.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondinenza li irċieva mingħand waħda mill-istaff tal-Kunsill, is-Sa Dorianne Mifsud, fejn semmiet li minħaba raġunijiet ta' xogħol, u peress li titdħol tiftaħ l-uffiċċju nhar ta' Sibt, kellha numru ta' siegħat ta' leave li kien qed jakkumula u li xtaqet li titħallas ta' partijiet minnu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan kien minnu u li minħabba l-eżiġenza u n-natura tal-istaff, din kienet realta' li l-Kunsill għandu jindirizza. Il-Kunsill iddiskuta u finalment approva b' mod unanimu li s-Sa Mifsud titħallas ta' parti minn dan il-leave.

## 83.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

83.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

## 83.6 Rapporti

83.6.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**83.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

83.7.1 Il-Kunsill iddiskuta il-problema tal-Bring In Site tal-Housing Estate. Il-Kunsill, b' mod unanimu qabel li ssir talba sabiex din il-Bring In Site titneħħa minħabba id-diversi abbużi li kienu qegħdin isiru u li aktar kienet qed toħloq ħsara milli tkun ta' ġid.

**83.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

83.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti numru 4/2019 li kienet tammonta għal-€30,735.95.

83.8.2 Il-Kunsill ra l-iskeda u approvaha unanimament.

**83.9 Mozzjonijiet**

83.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet waqt din il-laqgħa.

**83.10 Inawgurazzjoin tal-proġett tal-Għasfura**

83.10.1 Il-Kunsill iddiskuta l-inawgurazzjo tal-proġett tal-Għasfura li għandu jsir nhar l-Erbgħa 25 ta' April filgħodu.

83.10.2 Is-Sindku ikkonferma li għandu jattendi is-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Silvio Parnis.

83.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq xi punti loġistiċi li ġew mibgħuta mill-HSBC (Malta) Foundation dwar il-programm tal-ġurnata u dawn ġew diskussi u maqbula.

83.10.3.ii Fis-18:22 daħal il-Kunsillier Mario Sammut.

83.10.4 Is-Sindku stieden il-membri tal-Kunsill biex jattendu dan l-avveniment.

**82.11 Evalwazzjoni tas-Sejħa tal-Offerti għas-servizz ta' Handyman;**

**82.11.1** Il-Kunsill irċieva ir-rapport tal-evalwazzjoni tas-Sejħa tal-Offerti għas-servizz ta' Handyman. Il-Kunsill ra li kien hemm offerta waħda għal din is-sejħa mingħand Joseph Sammut Handyman u ra li kien hemm kollox kif mitlub. Ra ukoll li r-rapport kien qiegħed jissuġġerixxi li l-offerta ta' Joseph Sammut Handyman tiġi aċċettatta, u għalhekk approva ir-rapport tal-evalwazzjoni u il-Kunsill ser ikun qed jieħu il-passi neċċessarji sabiex din l-offerta tintlaqa.

**82.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

82.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:42pm.

82.12.2 Il-Laqgħa numru 84 tal-Kunsill issejħet għal-nhar l-Erbgħa, 8 ta' Mejju 2019, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***